# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2000**

**Numru 20**

**Citaz. numru 1374/93 DS**

Joanna Agius u Joseph Agius, missierha
vs
Kirurgu Professur Carmel sive Lino Cutajar

Illum, 24 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Novembru 1993 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi wara li fis-26 ta' Marzu 1992 il-konvenut nehha l-kilwa xellugija tal-attrici Joanna (li allura kellha sbatax il-sena), hija baqghet suggetta ghal ugiegh fl-istess parti ta' gisimha, barra hwejjeg negattiva ohra; u peress illi l-konvenut wara li ma irnexxilux il-kawza tal-ugiegh jistabbiliha, ma ippersistiex f'Awissu 1992 u wara fl-inestigazzjonijiet indikati u illicenzjaha mill-isptar, u attribwixxa l-ugiegh ghal xi "nerve entrapment" u jekk hija tkompli tilmenta mill-ugiegh, hija kellha tikkonsulta psikjatra;

Illi l-konvenut chad it-talbiet tal-genituri tal-attrici halli jaghti l-kunsens tieghu sabiex hija tibbenifika mill-fakulta' ezistenti li tintbaghat l-Ingilterra minn fondi pubblici ghal investigazzjonijiet medici u kura mehtiega, u l-attur kellu ghalhekk b'sagrificcju u a spejjez tieghu isiefer lill-attrici l-Ingilterra f'Novembru 1992 u f'Mejju u Gunju 1993;

Illi instab mill-ispecjalista Ingliz li s-sintomi kienu jindikaw infezzjoni kronika fil-post tal-operazzjoni tas-26 ta' Marzu 1992 u din d-dianozi giet suffragata fl-operazzjoni li huwa ghamel lill-attrici fit-3 ta' Gunju 1993 halli jaghmel drainage tal-parti nfettata u jnehhi d-"drainage tube", u inoltre, sab li fl-operazzjoni tas-26 ta' Marzu 1992 kienet intuzat mill-konvenut "ubabsorable suture" minflok "dissolving suture" fit-tarf ta' fuq tad-"drainage tube" li kellha taggrava l-infezzjoni sussegwenti l-operazzjoni;

Illi wkoll fl-okkazjoni tal-operazzjoni tas-26 ta' Marzu 1992 kellha "secretion" minn sidirha izda dan il-fatt ma inghatax attenzjoni mill-konvenut u ma issottometthiehix ghat-tests indikati;

Illi meta l-attrici gralha l-istess fl-okkazjoni tal-operazzjoni tat-3 ta' Gunju 1993 l-ispecjalista Ingliz investiga l-fatt billi issottomettiha ghat-tests indikati i instab li kellha "small pituatary tumour" li jirrikjedi li l-attrici tissottometti ruhha ghal kura u ghal accertamenti perjodici li jehtiegulha issiefer;

Illi minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenut fl-operazzjoni tas-26 ta' marzu 1992, u wara, u minhabba ir-rifjut tieghu li jaghti l-kunsens sabiex l-attrici tizufruwixxi mill-beneficcju ta' investigazzjonijiet medici u kura specjalizzata fl-Ingilterra a spejjez ta' fondi pubblici, l-atturi sofrew danni, ghaddew minn inkwiet kbir, u batew telf ta' dhul, u inkorrew fi spejjez konsiderevoli f'Malta u fl-Ingilterra;

talbu lil din il-Qorti:

tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni kollha li eventwalment jirrizultaw li l-atturi sofrew b'konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-konvenut in konnessjoni mal-operazzjoni li huwa ghamel lil Joanna Agius fis-26 ta' Marzu 1992, tan-nuqqas ta' dianjosi u tan-nuqqas ta' investigazzjonijiet medici ulterjuri u kura specjalizzata barra minn Malta a spejjez ta' fondi pubblici, prevja, jekk mehtieg, id-dikjarazzjoni li l-konvwenut huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet u ghar-rifjut imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' ottubru 1993 kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' azzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax l-eccipjent ma kkaguna, u mhu b'ebda mod responsabbli ghal xi danni jew

spejjez li sofrew l-atturi, ghax ic-citazzjoni taghhom hi bazata fuq fatti foloz kif jidher hawn taht:-

2. Mhux veru li wara li saret l-operazzjoni fuq Joanne Agius, hija baqghet suggetta ghall-ugiegh fl-istess parti ta' gisimha kif allegat fic-citazzjoni, ghax ghal erba xhur shah hi ma ilmentat minn xejn. Kien biss wara dax-xmien li rraportat sintomi li kienu dovuti ghall-"reaction" fil-gisem tal-pazjent.

3. Mhux veru li kien il-konvenut li ma ippersistiex biex jistabilixxi il-kawza ta' dan l-ugiegh gdid u illicenzjaha mill-isptar. Ghal kuntrarju meta wara erba xhur regghet iddahlet ghal gimghatejn l-isptar, il-pazjenta saritilhal-aktar investigazzjoni intensiva u vasta bl-aktar mezzi sofistikati li hemm l-Isptar San Luqa u kella tibqa' taht osservazzjoni bhala "outpatient".

4. Mhux veru li l-konvenut attribwixxa l-ugiegh il-gdid ghal xi "nerve entrapment" kif allegat fic-citazzjoni, izda dina kienet biss wahda mid-dijanosi possibbli minn hafna li gew prospettati u investigati bir-reqqakollja u bl-aktar mod assidwu u professjonali, minnu u mit-"team" tieghu.

5. Mhux veru li l-eccipjent qatt qal lill-pazjenta li ghandha tmur tara psikjatra, imma giet riferita ghall-consultant physician iehor, Dr. Joe Azzopardi FRCP biex jinvestigha fi specjalita' ohra u il-"firm" ta' Dr. Azzopardi investigaw il-pazjenta u tawha pariri.

6. Mhux veru li l-eccipjent qatt cahad xi talba tal-genituri tal-pazjenta biex din tigi imsiefra ghall-kura barra minn malta. Is-safar ta' pazjentia spejjez tal-Gvern hu prerogattiva tac-Chief Government Medical Officer, li jagixxi fuq il-parir ta' Board mahtur ghall-istess skop. Il-policy tal-Gvern hi li treatment li jista' jsir Malta, kif kien dak tal-attrici, ma kienx jikkwalifika ghal safar assistit.

7. Illi l-istess tobba li ezaminaw lill-attrici barra minn Malta damu ix-xhur biex setghu jaslu ghal xi konkluzjoni definittiva dwar il-kondizzjoni tal-attrici, kif jidher mir-rapporti taghhom stess u mill-fatt li l-attrici kellha ssifer ltitt darbiet fuq firxa ta' tminn xhur.

8. Illi l-kondizzjoni medika l-ohra imsemmija fic-citazzjoni li tirrigwardat-tisfija mis-sider qatt ma giet imsemmija mill-pazjenta jew mill-genituri taghha lill-esponent u qatt ma giet trattata minnu. Jekk din il-kondizzjoni zviluppat wara l-operazzjoni li hu ghamel, u kienet, kif

jirrizulta li kienet, dovutaghal "pituatary tumour" fil-mohh, dan ma jaqax taht l-ispecjalita' tieghu u m'ghandu assolutament x'jaqsam xejn mal-operazzjoni li ghamel hu.

9. Il-kwistjoni tal-uzu ta' "absorbable" jew "non absorbable sutures" m'ghanda x'taqsam xejn mall-infjammazzjoni li wara zviluppat, ghax f'kull operazzjonimagguri l-uzu ta' dawn it-tip ta' ponti hu indikat, skond l-ghan li jkun irid jilhaq il-kirurgu.

10. Illi jidher li saru hafna allegazzjonijiet li mhumiex fondati mill-lat mediku u li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mall-intervent li ghamel l-eccipjent, sempliciment biex jilledu ir-reputazzjoni tal-eccipjent u jikkagunawlu danni, u hu minn issa qed jirrizerva kull azzjoni ghad-danni kontra l-atturi ghall-agir irresponsabbli u libelluz taghhom fir-rigward.

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Mejju 1994 fejn gie nominat Dr. Godfrey Laferla bhala perit mediku u Dr. Philip Sciberras bhala perit legali bil-fakoltajiet soliti;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Novembru 1994 fejn, fuq rikors tal-konvenut, ghall-imsemmi perit mediku gie sostitwit il-Professur Victor Griffiths;

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku u dak ta’ l-espert legali minnhom mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Preliminari**

L-atturi qeghdin jallegaw li minhabba diversi nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut huma sofrew danni. L-attrici kienet giet operata mill-konvenut sabiex titnehhilha kilwa. Hija baqghet tilmenta minn ugiegh post-operatorju, u wara diversi konsultazzjonijiet u trattament hawn Malta hija telghet l-Ingilterra fejn eventwalment regghet giet operata mill-konsulent John E. Castro. Il-perit mediku ezamina l-fattispecie tal-kaz, spjega mil-lat tekniku l-aspetti medici involuti u analizza l-metodi u l-azzjonijiet tal-

konvenut u offra l-opinjoni tieghu dwar jekk tali metodi u azzjonijiet gewx ragonevolment applikati.

**Ir-relazzjoni tal-perit mediku**

I. L-operazzjoni ta' nephrectomy mill-konvenut

Il-perit mediku kkonferma li din l-operazzjoni kien hemm bzonn ghalija u li ma kienx hemm alternattiva ohra. Dan in vista tal-fatt li l-kilwa tax-xellug kienet lahqet thassret ghal kollox sabiex tilfet il-funzjoni taghha, *"tant li saret biss borza mimlija b'likwidu stagnat".* Fir-rigward tad-dubbju li kien esprima l-konvenut lil omm l-attrici dwar il-kawza ta' l-ugiegh meta din regghet ilmentat wara l-intervent maghmul mill-ispecjalista esteru s-Sur Castro.

B'riferenza ghall-affidavit tal-konvenut, l-*operation report sheet* u Dok. 1 sa 3, imbaghad il-perit mediku rritjena li l-intervent kirurgiku stess kien sar skond il-procedura regolari. Hu kien jaqbel ukoll mal-fatt li l-konvenut kien halla bicca mill-*ureter*, ghaliex bhal fil-kaz ta' l-attrici, dan m'ghandux jitnehha jekk ma jkunx marid. L-istess ikkondividi s-Sur Castro erga' ghal raguni ohra. It-tarf ta' l-*ureter* kien gie marbut b'*non-absorbable suture,* li gie affermat mis-Sur Castro meta opera fit-3 ta' Gunju 1993. Il-perit mediku rrileva li l-kirurgu ghandu ghazla bejn l-uzu ta' *absorbable suture* u *non-absorbable suture* u spjega d-differenza, cioe' li wahda tigi assorbita mill-gisem u l-ohra le. Hu personali, u dan bhal hafna kirurgi ohra,kien dejjem jippreferi li jaghmel uzu minn *-non-absorbable surtures,* sakemm ma jkolliex raguni tajba sabiex juza l-ohrajn, bhal per ezempju infezzjoni ezistenti. Is-Sur Castro jikkummenta li l-prattika kienet li tintuza *absorbable sutures,* izda skond l-istess dan kien *"open to discussion".* Ghalhekk, hu seta' jafferma li l-konvenut kien korrett fil-metodu tieghu. Pero' izid ighid il-perit mediku, li l-uzu ta' dik it-tip ta' *suture 'per se ma huwa qatt il-kawza primarja ta' infezzjoni".* Tista' pero' tikkontribwixxi ghall-persistenza ta' infezzjoni peress li kienet *foreign body,* u wiehed mill-ewwel ghandu jahseb f'kaz ta' infezzjoni. Dwar l-operazzjoni nnifisha, l-espert medika kkommenta li x-xhieda tal-konvenut kienet nieqsa mid-dettalji, kif ukoll l-*operation report sheet.*

.II L-infezzjoni

L-espert mediku kkonstata li ma kienx hemm dubbju li l-*nephrectomy* kienet waslet ghall-izvilupp ta' infezzjoni, liema giet identifikata mis-Sur

Castro bhala *peri-ureteric abscess.* L-izvilupp kien jirrizulta sewwa u car kemm mill-ugiegh persistenti, kif ukoll mid-deni hafif u persistenti. Hu xejn ma qabel mal-fatt li l-attrici nghatat l-antibijotici, inkluz mill-konvenut, meta din ilmentat maghhom. Dan ghaliex ma kienx hemm suspett fondat li kellha infezzjoni. Il-fatt li l-attrici kienet qieghda tbaghti minn infezzjoni b'infjammazzjoni kien irrizulta car mill-intervent tas-Sur Castro li sab *peri-ureteric fibrosis,* etc. Indikazzjoni ohra hi li l-ugiegh u d-deni ma baqghux jippersistu wara l-operazzjoni. L-espert mediku kkonstata li l-kawza ta' l-infezzjoni kienet tqanqlet waqt l-operazzjoni, b'dana li hu ma setax isib evidenza cara ghaliex u minn fejn giet. Seta' kien li l-*cyst* li nfaqghet waqt l-operazzjoni, izda dan ma kien xejn ghajr accident sfortunat u mhux traskuragni jew inkompetenza da parti tal-konvenut. Osserva wkoll li l-fatt li l-attrici kellha tirraporta fl-*out patients* kien jindika li l-ebda komplikazzjoni ma kienet mistennija.

Hu qal li l-istess infezzjoni kienet tidher *low-grade infection* li zviluppat bil-mod. Lanqas ma kienet irrizultat mit-testijiet tad-demm, b'dana pero' li dan kien jigri ta' spiss fil-prattika. U wkoll lanqas ma kienet ipproduciet axxess kbir, tant li t-testijiet ta' l-*ultrasound* u *CT scan* ma kienux ipproducuha. Il-perit mediku nnota pero' li l-konvenut kien qieghed *post-nephrectomy abscess* l-ewwel fuq il-lista ta' kondizzjonijiet li kien ser jinvestiga.

III Investigazzjoni u diagnozi successivi

Il-perit mediku osserva li d-deni ta' l-attrici wara l-intervent kien sintomu aktar realistiku u konkret minn dak ta' l-ugiegh. Pero' t-testijiet ezegwiti mill-konvenut huma ta' mportanza fil-kaz odjern, ghaliex jindikaw ghal xiex hu kien qieghed attent. Fl-affidavit tieghu u mir-rapport Dok. 3 tieghu, il-konvenut indika li l-ewwel possibilita' li hu nvestiga kienet *post-nephrectomy abscess* li kien il-kollezzjoni ta' materja fejn tnehhiet il-kilwa rizultanti minn infezzjoni u infjammazzjoni. Jekk l-*abscess* kienet wahda zghira, allura l-perit mediku ma skanta xejn li din ma kienitx tirrizulta fil-*CT scan* u mill-*ultra sound.* Dawn kellhom il-limitazzjonijiet taghhom u lanqas ma kellhom isiru ta' spiss.Ghal dak li jirrigwarda l-possibilita ta' nerve entrapment, il-Profs. Griffiths ma kienx tal-fehma li fenominu bhal dan kien possibli u fil-fatt hu qatt ma sabu ppruvat. Hu zied ighid li ma setax jifhem kif kondizzjoni simili setghet tkun ukoll il-kawza ta' deni, hafif kemm ikun hafif. Pero' tabib ghaqli ma kienx jaghmel hazin li jinvestiga dan ukoll, pero' "basta s-suspetti kollha jaghtihom "rating" differenzjali". Issa, l-investigazzjonijiet tal-konvenut kienu twal u dettaljati, izda ma kienux konkluzivi wara li l-attrici harget mill-isptar tlettax il-jum wara. L-espert mediku qabel ma' l-attidudni

addottata mill-konvenut li jistenna perjodu ragjonevoli ta' sitt gimghat qabel ma jerga' jaghmel investigazzjoni ohra.

Pero'f'dan il-punt omm l-attrici tilfet il-fiducja fil-konvenut, kif ukoll il-pacenzja. U hawn kien hemm zewg punti mportanti li wiehed kellu jezamina. L-ewwel punt kien jirrigwarda d-dritt ghal opinjoni ohra tal-pazjent, li kien dritt indiskutibbli. It-tieni punt jirrigwarda l-opinjoni barra minn Malta. Ghal dan spjega li l-Maltin kellhom l-idea li ta' barra kien dejjem ahjar ghaliex logikament ir-rizorsi ta' pajjiz zghir kienu limitati. Dan jista' jsir wara rakkomandazzjoni lil Bord appozitu ta' konsulent kwalifikat ghal zjara f'Sptar determinat ghaliex il-kura ma tistax issir hawn Malta jew m'ghandiex issir Malta. Fl-ahhar id-decizjoni tittiehed mill-CGMO. L-espert mediku nnota li meta fix-xhieda tas-seduta nru IV omm l-attrici tikkummenta li hi saqsiet lill-konvenut jekk kienx il-kaz li ssiefer lit-tifla, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni jekk dan kienx bl-ghajnuna tal-Gvern. Imbaghad il-konvenut irrispondiha fis-sens li dan taghmlu jekk kellha flus x'tahli. Regghet marret ghandu b'talba ghal rakkomandazzjoni sabiex l-attrici taghmel MRI l-Ingilterra, izda dan bghata lura ghand s-Sur Grixti. Omm l-attrici regghet marret ghandu wara l-konsultazzjoni l-Ingilterra mas-Sur Castro u l-konvenut offra li jaghmel l-operazzjoni hu. Pero' ma kienx ghad baqa' fiducja fih dan il-kirurgu u ghalhekk insistiet li jhginha ssiefer lit-tifla. Hu rrifjuta u sahansitra l-Onor. Av. Dott. Louis Galea kien qalilha li kien hemm kirurgi ohra disponibbli ghal din l-operazzjoni. L-espert mediku kkonferma li dan kien fatt.

IV Investigazzjoni u operazzjoni tas-Sur Castro

L-ewwel ezami kliniku sar minnu fis-6 ta' Novembru 1992. Imbaghad rega' ezamina lill-attrici f'Mejju, 1993, u rrakkomanda vizta ghand kollegi tieghu sabiex jeskludil-possibiltajiet li l-ugiegh kien gej mill-musrana jew minn nerve entrapment. Dan kkondivida mieghu l-perit mediku. Ftit wara saret investigazzjoni taht anestesija generali. Is-Sur Castro kkonkluda li l-attrici kellha peri-ureteric abscess cavity, u cioe' materja li kienet ingabret madwar it-tarf ta' l-ureter jitnehha. Din l-investigazzjoni kienet wahda pozittiva u kkonklussiva, sahansitra krucjali ghaliex kixfet il-kawza ta' l-ilment. Fit-3 ta' Gunju 1993, sar l-intervent necessarju.

Il-perit mediku kkonstata li l-*mictuating cyctogram* li kkonduca l-konvenut, kien ta' importanza ghaliex kien indikanti tal-fatt li l-konvenut kien qieghed fuq it-triq it-tajba. pero' dan l-ezami ma waslux ghal konkluzjoni, b'dana li mbaghad ir-retrograde injection li kkonduca s-Sur Castro tah rizultati pozittivi. Profs. Griffiths spjega li seta' kien il-kaz li

s-Sur Castro kien innota mir-rapport Dok. 2 tal-konvenut, li l-ewwel investigazzjoni ma kienitx irnexxiet, u ghalhekk hu mar mill-ewwel ghat-tieni possibilita'. L-espert mediku ma ra l-ebda traskuragni jew inkompetenza da parti tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Issa wara li omm l-attrici kienet urietu lill-konvenut il-*films* bir-rizultati tas-Sur Castro, f'Dok. 3 il-konvenut kiteb li hu ma kienx konvint ghall-ahhar. Il-perit mediku ma setax jara ghalfejn ma kienx konvint il-konvenut f'dan il-punt. It-Tabib Crockford imbaghad ikkummenta fil-laqgha li kellu ma l-attrici, u dan kif xehdet fis-seduta nru. V, li "*Kif, dna test semplici, ma ghamlux prof. Cutajar, ghax dan seta' sar hawn"*. Il-perit mediku spjega li aktarx is-success tas-Sur Castro seta' kien attribwibbli ghall-fatt li dan kien iltaqa' ma' kaz simili qabel.

V Galactorrhaea

Il-kawza generalment ta' din il-kondizzjoni, kienet disturb fil-funzjoni tal-*pituitary gland.* Dan seta' gara bhala rizultat ta' *stress* meta bniedem jersaq ghal operazzjoni. Fil-fatt l-attrici sofriet dan kemm wara l-ewwel intervent, kif ukoll wara t-tieni fl-Ingilterra. Ghalhekk, zgur li l-konvenut m'ghandu l-ebda responsabbilita' fir-rigward, u lanqas li ma kkonduciex investigazzjonijiet ulterjuri meta l-fenominu transitorju ma regax sehh qabel it-tieni intervent. Meta sehh it-tieni darba, s-Sur Castro kien diga' konovventi mal-fatti ta' lewwel episodju.
konkluzjoni

Il-perit mediku ghalaq billi esprima l-opinjoni li mill-lat tekniku ma kienx hemm nuqqas jew zball jew traskuragni jew sahansitra inkompetenza da parti tal-konvenut f'dak li ghamel u f'dak li m'ghamilx, kif ukoll fl-investigazzjonijiet tieghu.

**Ir-relazzjoni tal-perit legali**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ezamina r-rapport guridiku bejn it-tabib u l-pazjent kif ukoll id-dmirijiet tat-tabib. Il-Qorti ssib irecipibbli l-analizi li huwa ghamel. Huwa ighid hekk:

**<u>RAPPORT GURIDIKU</u>**

24. Jinghad mill-ewwel illi l-ligijiet ta' pajjizna huma skarsi minn disposizzjonijiet specjali koncernanti l-professjoni medika jew

riferibbilment ghaliha. Tnehhi dak mahsub f'certi artikoli tal-kodici Kriminali (ad exemplum, Art. 243 rigwardanti l-abort, Art. 225 rigwardanti offizi involontarji u Art. 257 dwar is-sigrieti professjonali) u l-Kapitolu 31 - "Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha", (essenzjalment l-Art. 7 (1) li jitratta dwar id-dover tal-ezercizzju tal-professjoni f'kazijiet ta' urgenza); il-Kodici Civili ma jikkontjeni l-ebda norma partikolari fir-rigward u ghalhekk kull riferenza jehtieg li ssir ghad-disposizzjoni generali tad-dritt in materja ta' responsabilita'.

25. L-Artikolu 959 jibda biex ighidilna illi "l-obbligazzjonijiet li mhumiex gejjin mis-setgha biss tal-ligi, jitnisslu minn kuntratti, kwazi kuntratti, delitti jew kwazi delitti".

Issa minn skrutinju tal-gurisprudenza fil-kaz ta' negligenza professjonali jew malprassi kommessa minn tabib - senjament id-decizjonijiet, u unici ezemplari, fl-ismijiet "Victor Savona pro. et noe vs Dr. Peter Asphar et" (App. Civ. 2 ta' April 1951) u "Josephine Borg et -vs- Dottor Anthony Fiorini" (Prim'Awla, Qorti Civili, 18 ta' Lulju 1994) - jidher car illi l-Qrati taghna kkonsidraw materji bhal dik sotto konsiderazzjoni mill-ottika talkwazi delitt jew kolpa akkwiljana.

Fl-ahhar sentenza citata l-Qorti wara li titlaq mill-premessa illi "l-ligi taghna ma taghtix, bhal nma jaghtu certi legislazzjonijiet ohrajn, definizzjoni preciza tal-grad ta' responsabilita' li ghandu jigi ezercitat minn tabib qua tabib" issoktat fuq l-istess ragunament tad-decizjoni "Savona - vs Asphar", illi ghall-materja japplikaw il-principji sanciti fl-Art. 1074 u 1075 (illum 1031 u 1032) tal-Kodici Civili li jittrattaw dwar id-delitti u l-kwazi delitti.

26. L-esponenti umilment jissottometti li ma jaqbilx ma din il-veduta in kwantu r-rapport li jitnissel f'cirkostanzi ordinarji bejn it-tabib u l-pazjent huwa wiehed kontrattwali u mhux delittwuz jew kwazi delittwuz.

Huwa veru illi kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Micallef et - vs Raphael Avallone", App. Civ., 11 ta' Marzu 1957, "meta l-legislatur jitkellem fuq id-dannu kagunat minhabba negligenza proprja jew imprudenza jaccenna b'mod specjali, jew ahjar specjalment, ghad-dannu li jitnissel mill-kwazi delitt, li l-bazi tieghu hija l-htija, li hija l-kolpa extra-kontrattwali", b'danakollu dan ma jfissirx illi l-htija ghall-istess ragunijiet ma tistax tkun ukoll wahda kontrattwali.

27. Fil-verita', kif insenjat fid-decizjoni "Mary Vassallo - vs - Giovanni Mizzi et", Prim'Awla, Qorti Civili, 9 ta' April, 1949 a Vol. XXXIII p. II

p. 379, "il-htija, meta tigi konsiderata fl-entita' giridika taghha hi wahda; u taht dan l-aspett m'hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik akkwiljana."

B'danakollu, ssokta jigi precizat, illi "d-differenza bejniethom tinsab fil-kawza (kontrattwali tippresupponi obbligazjoni li maghha hi marbuta; l-akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel (ex nunc') u fil-grad, ossija l-estensjoni tar-responsabbilita' (fil-kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' culpa lata, levis jew levissima jekk in-natura tal-kuntratt ikun hekk jimponi; fl-akwiljan r-responsabilita' indistintament testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad)".

Naturalment id-differenzi fit-tnejn igorru konsegwenzi ohra bhal per ezempju l-preskrizzjoni tad-dritt tal-azjoni kif ahjar illustrat fid-decizjonijiet a Vol. XIX p. III p. 106; XXIX p. I p. 1340; XXVI p. I p.54; XXXVI p. I p. 140 u XXXVIII p. II p. 683 fost bost ohrajn.

28. Il-Laurent (Principi di Diritto Civile Vol. 20 pagna 406 para. 516) vuci diskordanti minn guristi ohra, jikkommenta dan:-
"Non si potrebbe negare che tra l'ammalato ed il suo medico passa un contratto; il medico quindi risponde della inadempimento delle sue obbligazioni".

Hawn jissokta jsostni illi mhux sewwa li ssir id-distinzjoni bejn il-fatti tal-bniedem mill-fatti tat-tabib, "Dichiarando l-uomo risponsabile di ogni colpa, mentre il-medico sarebbe tenuto solo delle colpe grave". F'dan l-ahharsens hi wkoll il-gurisprudenza taghna fejn jikkoncerna professjonisti - in effetti s-sentenza "Savona - vs - Asphar" titkellem dwar "zball grossolan".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tal-konstatazzjonijiet maghmula mill-perit mediku u r-rizultanzi processwali, huwa kkonkluda li jaqbel ma' l-evalwazzjoni tal-perit mediku li dan ma rriskontra xejn "contra legem artes" fl-operat tal-konvenut.

Il-Qorti, wara li ezaminat l-provi kollha li tressqu, u kkunsidrat l-evalwazzjoni maghmula mill-perit legali u mill-perit mediku, tikkondividi l-opinjoni espressa li ma kien hemm l-ebda negligenza, traskuragni jew inkompetenza da parti tal-konvenut fl-operat tieghu. Ma jirrizultax li huwa naqas milli jagixxi b'mod li huwa mistenni minn professjonista fil-kariga tieghu partikolari.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**